IL-BELT

VICTORIA

*RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX*

Settembru - Ottubru 1995 Nru. 86

## IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

# MILL-ĠDID L-ISKOLA....

## Ħidma id f'id bejn il-ġenituri u l-għalliema ta' wliedhom

*Bħalissa moħħ ħafna ġenituri huwa ffokat fuq is-sena skolastika 1995/96. Bieb ġdid miftuħ quddiem uliedhom li jerġa jingħalaq f'Lulju tas-sena d-dieħla. Din hi ħaġa tajba, u mhux il-ġenituri* ***kollha*** *jinteressaw ruħhom fit-tagħlim ta' wliedhom tul is-sena kollha. Għax l-avvanz li t-tfal jagħmlu fl-iskola jiddependi ħafna fuq kemm l-għalliema u l-ġenituri huma kapaċi jaħdmu id f'id għal dan il-għan.*

*Il-ħasra hi, li l-entużjażmu li bħalissa qed jaħkem lil tant ġenituri, maż-żmien jibda' jonqos u ġieli jasal biex jispiċċa fix-xejn. Ikun biss nar tat-tiben. Imbagħad jitwieldu skużi li joħonqu dan l-entużjażmu, u t-tfal jintelqu jaqdfu għal rashom b'detriment kbir għalihom.*




### ĠENITURI - GĦASSIESA

Hu meħtieġ li l-ġenituri jkunu għassiesa kontinwi ta' wliedhom. Huma għandhom igħassulhom ma' min jagħmluha, fejn imorru, x'tip ta' qari jkollhom f'idejhom, kemm huma attivi spiritwalment, eċċ. Daqstant ieħor għandhom isegwu l-progress jew rigress li wliedhom ikunu qegħdin jagħmlu fl-iskola.

Il-Ġenituri ma għandhomx joqgħodu lura li juru dan l-interess. Anqas ma għandhom juruħ bil-moħbi; minn wara dahar uliedhom. Idealment anzi, kieku dan l-interess jintwera sa minn meta t-tfal ikunu għadhom żgħar ħalli meta jikbru jkunu diġa mdorrija bis-sistema.

Iżda, il-ġenituri huma fid-dmir li jfiehmu lil uliedhom li dan id-dmir huma jwettquh skrupolożament mhux għax jieħdu gost ikunu kurjużi jew għax iħobbu jagħmluha ta' pulizija fuqhom, iżda sforz l-imħabba li għandhom lejhom. Għax jafu mill-esperjenza kemm it-tagħlim huwa meħtieġ għalina l-bnedmin - l-aktar meta nikbru.

B'hekk, meta l-ġenituri jagħmlu xi mistoqsijiet jew jgħaddu xi kummenti, inkella xi osservazzjonijiet, l-ulied jirrealizzaw li dawk ikunu mqanqlin mill-interess tagħhom biex ikollhom futur sabiħ. L-istess meta jsegwulhom il-*homework* , meta jqallbulhom il-pitazzi, meta jiflulhom kull riżultat jew marka li jiksbu. Hu meħtieġ, iżda, li l-bażi ta' dan kollu - bħal fil-każ tal-korrezzjoni - għandha tkun l-imħabba.

### ĠENITURI U GĦALLIEMA

Wieħed żgur jifhem kemm

*ikompli f'paġna 6*

*Tinsiex tagħti l-Offerta tiegħek*

**B'RISQ IR-RIVISTA TAL-PARROCCA**

*(L-envelope għandu jingħata lil min iqassam il-bullettin jew fl-Uffiċċju Parrokkjali)*

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 55 63 77

### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

29.06.95: GEORGE, iben Dominic Formosa u Josephine nee' Tabone
01.07.95: RACHELLE, bint George Attard u Patricia nee' Spiteri
23.07.95: ANTHONY JOHN, bint George Camilleri u Elizabeth nee' Frendo
30.07.95: MARLON, iben Frankie Attard u Josephine nee' Attard
30.07.95: MANUEL, iben Frankie Attard u Josephine nee' Attard
30.07.95: ANDRE', iben Micahel Azzopardi u Frances nee' Farrugia
01.08.95: NYKKIE, iben Louis Mario Galea u Angela nee' Camilleri
09.08.95: FRANCESCA VITTORIA, bint Carmelo Ricupero u Sylvia nee' Haber
18.08.95: ANTONIO, bint Anthony Spiteri u Maria Dolores nee' Tabone
17.09.95: CHARMAINE, bint Joseph Xuereb u Anna Marie nee' Spiteri
23.09.95: ISAAC, iben Ignatius Attard u Mary Grace nee' Grech

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

01.07.95: JOSEPH MICALLEF u JOSETTE GRECH
08.07.95: VENERANDU ZAMMIT u MARLENE BONELLO
08.07.95: PHILIP HABER u GRACE GRIMA
09.07.95: MICHAEL TREEBY u TANIA ATTARD
22.07.95: CARMEL PORTELLI u GEORGINA CASSAR
29.07.95: EMANUEL AZZOPARDI u MARTHESE CUTAJAR
19.08.95: JOSEPH BONNICI u DOREEN CARUANA
26.08.95: JOSEPH ATTARD U MICHELLE ZAMMIT
02.09.95: EMANUEL GRECH u JENISE XUEREB
08.09.95: GODWIN ATTARD u SILVANA HILI
24.09.95: MICHAEL ZAMMIT u MARY ANNE FARRUGIA

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

| | |
|---|---|
| 27.06.95: | M'ANĠELO VELLA |
| 24.07.95: | ROSA CREMONA |
| 28.07.95: | GEORGE XERRI |
| 30.07.95: | ANTHONY CURMI |
| 20.08.95: | CARMELA ZAMMIT |
| 24.08.95: | CARMELO ATTARD |
| 26.08.95: | PAWLA CASSAR |
| 22.09.95: | ANTHONY GRECH |

### *Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista*

| | |
|---|---|
| A. Farrugia: | Lm1 |
| Can. Coronato Grima: | Lm2 |
| Philip Abela (Kanada) | Can$ 20 |




# MHUX IL-FLUS BISS

Din is-sena wkoll qed nappellaw lill-familji tal-komunita' parrokkjali tagħna biex jagħtu offerta ċkejkna b'risq din ir-rivista li titqassam b'xejn u li tintbagħat ukoll lil mijiet ta' emigranti ġorġjani fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja.

Sitt ħarġiet f'sena jinvolvu ħafna spejjes u aħna ċerti li kulħadd japprezza li dan is-servizz ta' tagħlim lill-komunita' parrokkjali ma jkunx jista' ikompli jekk ma ma jkollux min jgħinu. Kif taraw reklami jkollna ftit li xejn biex l-ispazju nużawh għal artikli ta' interess u ta' tagħlim. gĦalhekk inħeġġukom biex tgħaddu l-offerta tagħkom lil min iġbilkom il-Bullettin ta' Nhar ta' Ħadd jekk inkella fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Iżda l-flus mhux kollox. Neħtieġu wkoll għajnuna oħra. Hawn ħafna membri tal-komunita' parrokkjali li jistgħu joffru l-għajnuna tagħhom lir-rivista 'Il-Belt Victoria' billi kultant jiktbulna xi artiklu ta' interess ġenerali. Aħna nieħdu gost li jkollna min jikkontribixxi ħalli din ir-rivista nagħmluha iktar interessanti u tinqara mill-maġġoranza tal-familji.

Għalhekk dawk kollha li jistgħu joffru l-għajnuna tagħhom biex ma jibqgħux lura u joffru s-sehem tagħhom. Artikli ta' interess jistgħu jkunu dawk li jappellaw lill-anzjani, lill-familji, liż-żgħażagħ, lit-tfal , lill-istudenti u mitt kategorija oħra. Ikbar ma tkun il-varjeta' iktar tkun interessanti r-rivista tagħna.

Dawk kollha li ikollhom xi kitbiet, qosra jew twal, ikunu kif ikunu, li jkunu jridu li jiġu pubblikati għandhom jgħadduhom fl-Ufiċċju Parrokkjali. Dawk li forsi jħossu li ma jridux li isimhom jkun pubblikat ma jimpurtax. L-importanti hu li dawk li jiktbu jsegwu dak li konna għidna fl-ewwel ħarġa ta' din ir-rivista :

***"L-iskop tagħna hwa li noħolqu djalogu bejn il-membri tal-parroċċa u nagħtu tagħlim ta` siwi, għalhekk ma jiġux accettati kitbiet ta` xejra politika jew oħrajn li jistgħu jagħtu lok għal xi polemika"***

# RIGAL TAL-E.T. DR. ALEXANDER CACHIA ZAMMIT LILL-KOLLEĠĠJATA BAŻILIKA TA' SAN ĠORG

Fil-15 ta' Lulju 1995, lejlet il-Festa Titulari tal-Patrun ta' Għawdex San Ġorġ Megalomartri, hekk kif l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana twassal mill-Palazz sal-Bażilika ta' San Ġorġ, biex imexxi t-Transulazzjoni Solenni u l-Ewwel Għasar Pontifikali, saret ċerimonja qasira iżda mill-iżjed sinifikanti.

L-E.T. Dr. Alexander Cachia Zammit, Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede u Benefattur kbir tal-Bażilika Ġorġjana, għoġbu jirregala lil Kapitlu u l-Presbyterium Parrokkjali Lezzjonarju tal-Fidda biex jibda' jintuża fis-Solennitajiet li jiġi ċelebrati fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Id-Disinn tassew sabiħ sar mill-artista Għawdxi, is-Sur Joseph Sagona, filwaqt li x-xogħol tal-fidda inħadem mill-Arġentier Malti s-Sur Joseph Aquilina, miż-Żejtun.

Dan ir-Rigal intogħġob ħafna minn kull min rah. Il-Kapitlu u l-Presbyterium filwaqt li jifirħu lis-Sinjuri Joseph Sagona u Joseph Aquilina tax-xogħol li għamlu, jixtieq jirringrazzjaw mill-qalb lill-E.T. Dr. Alexander Cachia Zammit ta' dan ir-Rigal li kompla jsaħħaħ ir-rabta li l-Ambaxxatur għandu mal-Bażilika ta' San Ġorġ.



## Nifirħulha u Nitolbu għalija

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Settembru, fil-Kappella tal-Monasteru tas-Sorijiet Klarissi ġo San Ġiljan, ġiet ċelebrata Quddiesa b'radd il-Ħajr lil Alla f'għeluq il-25 Sena mill-Professjoni Perpetwa ta' Mere' Abbess Rose Therese Ellis. Diversi saċerdoti mill-parroċċa tagħna ħadu sehem fil-Konċelebrazzjoni.

Nifirħu wkoll lil Mere' Abbess Rose Therese Ellis li s-Sibt 15 ta' Lulju 1995 ġiet magħżula sabiex tkun il-Badessa tal-Monasteru tal-Klarissi ġo San Ġiljan. Nitolbu lil Mulej sabiex jieqaf magħha fil-missjoni li hija għandha, filwaqt li nistednuha tiftakar fil-Komunita' Parrokkjali tagħna fit-talb li jsir fil-Monasteru tagħhom.

## RIGAL IEĦOR LIL PARROĊĊA MINGĦAND IL-LADIES SOCIETY

*Għall-Festa Titulari ta' San Ġorġ li ġiet iċċelebrata fit-Tielet Ħadd ta' Lulju li għadda l-Ladies Society kompliet turi l-imħabba u d-deikazzjoni tagħha lejn il-Bażilika ta' San Ġorġ, billi offriet sett ta' ħames Kappi għall-Għasar tal-jiem tat-Tridu, kif ukoll erbgħa pjaneti oħra ta' diversi kuluri sabiex jintużaw matul is-sena liturġika fl-istess Bażilika. Nirringrazzjawhom tal-ħidma li jwettqu b'risq il-Bażilika.*

## Il- "CHORUS URBANUS" jieħu sehem fis-VI Assemblea Mondjali tal-Familja

L-"International Confederation of Christian Family Movements" organizzat s-VI Assemblea Mondjali tal-Familja u l-X Assemblea ġenerali, f'Malta, mid-29 ta' Awissu sat-3 ta' Settembru 1995. Ħadu sehem 250 delegat mill-ħames kontinenti.

Bħala parti mill-Programm, id-Delegati għamlu żjara ta' nofs ta' nhar f'Għawdex, nhar il-Ġimgħa 1 ta' Settembru. Fis-Santwarju Ta' Pinu saret Quddiesa mmexxija minn Isoqf Filippin u ħadu sehem fiha 22 saċerdot barrani. Qabel il-Quddiesa, l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi ta l-messaġġ tiegħu.

Il-"Chorus Urbanus", taħt id-Direzzjoni ta' Mro John Galea, ha sehem waqt il-quddiesa u ġiet esegwita mużika ta' Viadana, Galea, Giardini Vella u Dubois. Preżenti għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Ant. Tabone u s-Sinjura tiegħu, kif ukoll is-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Giovanna Debono u żewġha.

***Fil-"ĠENS" tat-3 ta' Frar 1995 kienet dehret intervista li dak il-ġurnal kien għamel lill-Mons. Joe Bajada, Imħallef tat-Tribunal tal-Knisja u għalliem tal-Liġi Kanonika fl-Universita' dwar il-ftehim fuq iż-żwieġ bejn il-Knisja u l-Istat Malti. Illum ser nagħtukom l-ewwel parti ta' din l-intervista.***

# IL-FTEHIM FUQ IŻ-ŻWIEĠ

■ ***Hemm xi paralleli bejn il-ftehim li sar f'Malta u s-sitwazzjoni f'pajjiżi oħra?***

Altru li hemm. Ħaġa simili ilha teżosti s-snin, per eżempju fi Spanja, kif ukoll fl-Italja. U s'issa, sa fejn naf jien, qatt ħadd minn dawn il-pajjiżi ma ressaq kawża quddiem il-Qorti Ewropea għax ħassu mċaħħad mid-drittijiet fundamentali tiegħu, jew għax it-Tribunai Ekklesjastiċi ma pprovdewx *fair trial.*

L-istess Qorti Kostituzzjonali Taljana, f'sentenza tad-29 ta' Novembru 1993, tenniet li ġaladarba żwieġ kanoniku jkun ċelebrat validament u dan b'għażla libera tal-partijiet, jibqa' regolat bil-Liġi tal-Knisja għal dik li hija kompetenza ġuridika. Kompliet tgħid li hi ħaġa loġika li tkun l-istess Liġi Kanonika li tiddeċiedi dwar il-validita' jew nullita' ta' dak iż-żwieġ.

■ ***X'tgħid għall-kritika li l-Ftehim ifisser li l-Gvern qed jabdika għall-awtonomija ta' l-Istat?***

It-Tribunali Ekklesjastiċi m'humiex il-qrati ta' l-Istat tal-Vatikan. dan l-Istat għandu, bħal kull Stat ieħor, il-liġijiet proprji tiegħu.

Il-Liġi Kanonika mhix Liġi ta' l-Istat tal-Vatikan, imma hija l-liġi li tirregola l-ħajja u l-attivita' tal-membri kollha tal-Knisja Kattolika mifruxa mad-dinja kollha. U allura meta l-kattoliċi li jridu jgħixu f'għaqda u komunjoni mal-Knisja jirregolaw il-ħajja tagħhom skond in-normi ta' dan l-ordinament ġuridiku, huma bl-ebda mod ma jagħmlu dan bħala ċittadini ta' l-



Istat tal-Vatikan, imma biss għax huma membri tal-Knisja Kattolika, u ċittadini tan-nazzjon li għalih jappartjenu.

B'dan il-Ftehim, il-Knisja mhi qed tieħu xejn minn dak li hu ta' l-Istat, u l-anqas ma hi b'xi mod qed tipprova tindaħal f'dak li hu ta' l-Istat. Mhux minnu li l-Knisja se titpoġġa fuq l-Istat, li se tingħata xi poter jew setgħat ikbar minn dawk li l-Istat jagħti lill-istituzzjonijiet tiegħu. L-għan tagħħa mhux li takkwista poter jew privileġġi. L-iskop tal-knisja kien wieħed fl-interess tal-membri Kattoliċi tagħha: interess li jiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-valuri tal-familja mibnija fuq iż-żwieġ u dan mhux biss mil-lat spiritwali jew ta' kuxjenza, iżda wkoll fuq livell soċjali.

■ ***Veru li l-Ftehim jiddiskrimina kontra knejjes mhux Kattoliċi?***

Tant il-Ftehim ma jiddiskriminax kontra knejjes u reliġjonijiet mhux Kattoliċi, li l-Artiklu 37 tal-Liġi qiegħed jgħid li dan id-dritt ta' l-għażla mhux ristrett għall-kattoliċi biss, imma l-Gvern jista' jagħmel ftehim ma' Knisja, reliġjon jew denominazzjoni oħra li jkun sostanzjalment konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

■ ***Veru li taħt dan il-Ftehim, il-Knisja ngħatat ġurisdizzjoni esklussiva fuq iż-żweġijiet li jsiru b'rit Kattoliku?***

Il-ġurisdizzjoni tal-Knisja fuq iż-żwieġ ma tiddependix mill-Istat. Li jiddependi mir-rieda ta' l-Istat hu jekk dan jirrikonoxxix li din il-kompetienza jkollha effetti ċivili jew le. Li ġara fil-każ tagħna hu li l-Istat deherlu li ma jistax jattribwixxi effetti ċivili lil din il-ġurisdizzjoni f'ċerti ċirkustanzi.

Tant hu hekk li jekk koppja, minkejja li tkun iżżewġet bil-Knisja, tiddeċiedi tiftaħ kawża għal dikjarazzjoni ta' nullita' quddiem il-Qorti Ċivili, din taċċetta li tisma' dik il-kawża u anke tagħti d-deċiżjoni tagħha.

■ ***Billi l-Każi fit-Tribunali jinstemgħu fil-magħluq u li l-parti l-oħra ma tkunx preżenti, taħseb li t-Tribunali tal-Knisja jistgħu jitqiesu bħala Qorti kompetenti kif titlob il-Kostituzzjoni tagħna?***

Hu veru li l-proċeduri fit-Tribunali tal-Knisja huma differenti minn dawk tal-Qorti Ċivili. Imma huwa daqshekk veru li bl-ebda mod ma jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-liġi applikata fit-Tribunal Ekkleżjastiku Malti hi l-istess liġi applikata mill-

*ikompli* ☛

# IL-PITTUR STEFANO ERARDI
## (Seklu XVII)

*mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

Pittur ieħor tas-Seklu Sbatax li għamel ġieħ lil Malta, huwa l-Pittur Stefano Erardi. Huwa beda l-istudji tiegħu f'Ruma. Għalkemm ma aħniex ċerti sa l-aħħar taħt liema għalliema studja, xi wħud iżommu li għamel l-istudju tiegħu taħt il-Guercino. Il-Pittur Stefano Erardi kien ammiratur kbir ta' Raffaello u min jaf jifli u josserva l-opri ta' Erardi għandu jintebaħ li hu mexa ħafna fuq il-linji sodi tal-pittur Ruman Raffaello Sanzio (1483-1520)

Meta Stefano Erardi spiċċa mill-istudji tiegħu f'Ruma, reġa lura lejn art twelidu, Malta. Ġo Malta, Erardi beda juri l-iżviluppi tas-sengħa tiegħu meta mqabbla ma' xogħolijiet li huwa għamel ġewwa Ruma. Ix-xogħol tiegħu dritt beda jintogħġob u jaqla' l-ogħla tifħir, tant li l-Gvern ta' l-Ordni ta' San Ġwann beda jagħtih kummissjonijiet ta' pittura.

Il-Prokuraturi tal-Knejjes u nies oħra ordnaw pittura biex iżejjnu l-knejjes u d-djar tagħhom. Artisti oħra kienu jgħidu ghal Stefano Erardi li kien iħabbatha ma' pittur ieħor Malti, il-magħruf Giuseppe d'Arena mlaqqam ir-Ruman.

Fost ix-xogħolijiet il-kbar ta' Stefano Erardi nsibu l-*Adorazzjoni tal-Maġi* kwadru titulari fil-Kappella ta' Alemagna (Ġermanja) fil-Kon-Kattidrall ta' San Ġwann. F'żewġ lunetti ta' din il-Kappella nsibu x-xena tat-Twelid ta' Ġesu' u l-Istraġi tat-Tfal Innoċenti.

Fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat (Malta) nsibu l-kwadru titulari, opra l-iktar sabiħa li Stefano Erardi pitter fl-1678. Dan il-Pittur juri wkoll fil-pittura tiegħu s-sengħa tal-ġmiel fil-"Puttini". Hekk li nsibu kwadru ta' l-Assunta, mżejjen bi ġmiel ta' puttini, kwadru li jinsab fl-Oratorju ta' l-Onorati fil-Knisja ta' Ġesu' fil-Belt Valletta.

Xogħolijiet oħra ta' Stefano Erardi huma l-kwadri ta' San Martin, fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, tal-Belt Valletta, il-Kwadru tal-Qawmien fil-Knisja tal-Griegi, il-Belt, l-Addollorata, fil-Knisja tal-Madonna tal-Pilar, fil-Belt, Kristu Mejjet fil-Kolleġġjata Matriċi ta' San Lawrenz fil-Birgu, San Stiefnu fil-Parroċċa tal-Qrendi, il-Madonna ta' l-Abbandunati, il-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, Santa Katerina fil-Kolleġġjata bażilika ta' l-Isla, San Bastjan u l-Madonna tal-Konsolazzjoni fir-Rotunda tal-Mosta, il-Madonna fis-Seminarju ta' l-Imdina. Fil-Mużew Nazzjonali, fil-Belt Valletta nsibu nsibu dawn il-Kwadri: San Karlo Borromeo, Sant Anna, San Ġorġ, il-Viżitazzjoni. Fil-Konkattidral ta' San Ġwann insibu ukoll disa' qaddisin Gerosolomitani.

F'Għawdex insibu l-Kwadru tal-Madonna tal-Grazzja fis-santwarju tagħha, mħares mill-Patrijiet Kappuċċini. Dan il-kwadru antik tpitter ftit wara t-Terrimot il-Kbir tal-10-11 ta' Jannar 1693 u kien ġie mħallas mill-Kleru tal-Parroċċi tar-Rabat ta' Għawdex.

Il-Kwadru l-ieħor ta' Stefani Erardi li jinsab iżejjen il-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ, huwa dak ta' l-Appostlu San Pawl. Il-Qaddis jidher għarkobbtejh, filwaqt li fil-fond tal-kwadru jidher il-bastiment jitħabat mal-imwieġ. Fuq insibu x-xbieha ta' Marija Immakulata. Dan il-Kwadru tpitter fis-sena 1679 fi żmien il-Kappillan ta' San Ġorġ Dr. Pawlu Lamagna.

---

*jaqbad minn paġna 4*

Knisja Kattolika fl-Italja u Spanja fejn, kif diġa għidt, l-għarfien tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal ilu fis-seħħ għal snin twal.

Veru li l-Proċess fit-Tribunali tal-Knisja mhux pubbliku fis-sens li jkun miftuħ għall-kurżita' ta' kulħadd, anke ta' dawk li ma għandhom l-ebda interess fil-każ. Żgur, pero', li m'hu bl-ebda mod sigriet. Lanqas ma jfisser li ma jipprovdix il-possibiltajiet meħtieġa biex il-partijiet jaġixxu u jiddefendu lilhom infushom kemm personalment kif ukoll permezz ta' l-avukat tagħhom.

Rigward il-pubbliċita', ta' min ifakkar li hija l-istess Kostituzzjoni li tagħraf li din mhix regola assoluta.

■ ***X'jiġri jekk xi xhud jew akkużat ma jkunx irid jixhed quddiem Tribunal tal-Knisja? Dan ifisser li l-proċess ma jispiċċa qatt?***

Fl-emendi ġodda, il-leġislatur ċivili ħass li ghandu jagħti dritt lill-partijiet li jkunu qed jagħmlu l-kawża quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiċi li jitolbu lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex tordna li tinġabar din ix-xhieda (Art. 29) Il-parti nteressata mbagħad tkun tista' tgħaddi kopja ta' din ix-xhieda lit-Tribunal Ekklezjastiku. Mhux it-Tribunal Ekkleżjastiku li se jitlob li dan iseħħ, imma xi waħda mill-partijiet.

Din mhix xi ħaġa kompletament ġdida, għax fil-prattika f'ħafna każi l-partiiet diġa qegħdin jippreżentaw kopja fit-Tribunal Ekkleżjastiku tax-xhieda li tkun inġabret mill-Qorti Ċivili.

---

## PELLEGRINAĠĠ IEĦOR GĦAL LOURDES

Bħas-snin l-imgħoddija, il-Parroċċa tagħna organizzat Pellegrinaġġ għal Lourdes bejn il-31 ta' Lulju u l-5 t'Awissu. Grupp ta' 50 persuna, mmexxija minn Mons. Arċipriet żaru diversi postijiet u ħadu sehem f'ħafna attivitajiet li thejjew għalihom. Il-Quddiesa fil-Grotta ma naqsitx, bħalma ma naqsitx ukoll il-Via Sagra tant imsemmija. Il-Grupp ħa sehem fil-Purċissjonijiet Aux Flambeaux li saru ta' kull lejla, kien hemm ċans għal dawk kollha li riedu jinżlu jinħaslu fl-ilma mirakuluż tal-Pixxina.

Matul il-jiem ġewwa Lourdes ġew organizzati ħarġiet għall-Bartres fejn saret ukoll quddiesa, għal Pont d'Espagne u Lac Artheuse. Kienu ħafna dawk il-persuni li diġa bbukkjaw post għall-Pellegrinaġġ ieħor li, jekk Alla jrid, il-Parroċċa ser tagħmel għal-Lourdes is-sena d-dieħla.

# Rokna għat-Tfal




Għeżież tfal,

Qegħdin taraw kif jgħaddi ż-żmien! Filli fil-vaganzi, nistrieħu, ngħumu u nixxalaw u f'daqqa waħda mill-ġdid fuq il-bankijiet ta' l-iskola. għandi nifhem li sal-lum tinsabu f'postkom u ssetiljati. Min hawn u ftit ieħor tibdew tħejju għall-Milied. Imma fuq dan nitkellmu darba oħra. Issa moħħkom hemm: studjaw, agħmlu sewwa x-xogħol li jagħtukom l-għalliema tagħkom u oqgħodu attenti fil-klassi. Il-Bambin jgħinkom tgħaddu sena skolastika tajba u mimlija suċċessi. Biss, tridu tgħinu ruħkom biex Alla jgħinkom. Intom agħmlu l-parti tagħkom, il-bqija ħalluh f'idejh.

Isimgħu din l-istorja.

Kienet ġurnata mill-isbaħ u negozjant Lhudi ddeċieda li jitlaq mill-belt tiegħu għall-belt oħra biex jixtri xi oġġetti. Ħa gost iterraq qalb il-kampanja bix-xemx tisreġ f'sema nir.

Iżda f'daqqa waħda s-sema ttappan bi sħab sewdieni u dlonk bdiet traxxax ix-xita. Il-Lhudi ħares madwaru, imma ma sabx fejn jistkenn. Kompla miexi, jisħet u jeqred xortih u jsaqsi lilu nnifsu:

"Imma proprju llum kellha tagħmel ix-xita!"

Ix-xita waqfet u n-negozjant, imxarrab għasra, kompla triqtu. F'daqqa waħda, minn qalb is-siġar, ħareġ raġel armat bi xkubetta li qallu:

"Flusek jew ħajtek!"

Il-Lhudi ma riedx jagħtih flusu.......... ittanta jaħrab, iżda l-ħalliel ippunta l-ixkubetta u għafas il-grillu. Iżda ġara li x-xita kienet xarrbet il-munizzjon u t-tir ma ħax. Meta ra hekk, in-negozjant tar għal fuq il-ħalliel u tah ix-xebgħa ta' ħajtu.

Ix-xemx reġgħet ħarġet tisreġ u n-negozjant kompla fi triqtu jirringrazzja lill-Mulej li dak in-nhar għamlet ix-xita!

Kemm hu sew, tfal, li nħallu kollox u dejjem f'idejn Alla!

Għal-lum, dak kollox, tfal. Sa ma nerġgħu niltaqgħu f'ħarġa oħra, saħħa u l-Barka tal-Mulej tinżel fuqkom ilkoll.

Tata'

*Iz-ziju Peppi*

*jaqbad mill-faċċata*

# IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

## MILL-ĠDID L-ISKOLA...

tagħmel ġid lit-tagħlim il-koperazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema. Din il-koperazzjoni trid taħdem b'mod reċiproku. Għax dak li l-istudenti jieħdu mill-iskola m'għandux jitfarrak id-dar, jew viċe-versa.

Huwa veru li fl-iskejjel, darba f'sena jsir "Jum il-Ġenituri". Din hija importanti, iżda żgur mhix biżżejjed. Il-kuntatt bejn l-għalliema u l-ġenituri jris isir aktar spiss minn darba f'sena. Anqas ma hu sewwa li l-ġenituri jserrħu rashom li kollox ikun miexi ħarir għax ma jkunu rċivew l-ebda nota mill-iskola li tgħarrafhom li wliedhom ikunu kisru xi regolamenti.

L-interess fit-tfal irid ikun kontinwu. Il-ġenituri għandhom isegwu l-progress ta' wliedhom mill-pitazzi, min xi test, minn xi kumment li xi darba jasal mingħand it-tfal stess. U malli jintebħu b'xi problema għandhom imorru l-iskola u jaraw x'jista' jsir biex tkun solvuta.

Biss kemm il-ġenituri kif ukoll l-għalliema għandhom ikollhom fiduċja għamja f'xulxin, u hemm bżonn li din il-fiduċja juruha qudeiem it-tfal, anke jekk jista' jkun hemm xi dubju. F'dan il-każ, huma jistgħu jiċċaraw dawn id-dibji bi djalogu sinċier bejniethom u minn wara dahar it-tfal.

ĠENITURI U L-EŻEMPJU

"Il-Kelma tqanqal, iżda l-eżempju jkaxkar!" igħid il-qawl tagħna. U hekk hu tabilħaqq. L-eżempju tal-ġenituri huwa fattur importanti ħafna fit-trobbija ta' wliedhom.

Għalhekk l-interess fit-tagħlim għandu jiddi f'kull dar. Il-qari hu l-bażi tat-tagħlim. Is-smiegħ ta' programmi serji fuq ir-Radju/TV. L-attendenza u l-parteċipazzjoni f'konferenzi dwar suġġetti siewja u ta' ċerta kultura. L-interess f'dak kollu li hu tajjeb u sabiħ fil-ħajja. Dan kollu jagħmel ġid bla tarf fil-ħajja tal-familja. għax l-ulied li jaraw u li jgħixu dawn il-ħwejjeġ, bla ma jridu jinġibdu lejhom. Għalhekk ngħidu ***"Skond Iz-zokk il-fergħa"***

Wieħed ma għandux jistenna li jekk jagħmel dan mhux se jsib problemi fl-edukazzjoni ta' wliedu. Fil-ħajja l-problemi ma jonqsux. Iżda jistgħu jiħfiefu; oħrajn jiġu solvuti b'inqas diffikulta'.

Għalhekk tajjeb li kif għadna fil-bidu ta' din is-sena skolastika, il-ġenituri jagħmlu proponiment li matulha jinvolvu lilhom infushom aktar minn qatt qabel fl-edukazzjoni ta' wliedhom. U dak li għidna għall-ġenituri u l-għalliema ngħiduh ukoll għall-ġenituri u l-Katekisti li jgħammlu d-duttrina lil uliedhom.

B'hekk uliedhom, jekk mhux issa, imma 'l quddiem żgur għad iberkuhom, bħalma jberikom ukoll Alla li jista' kollox talli jkunu qdew tajjeb il-missjoni li Hu stess afdalhom f'idejhom, għax għandu fiduċja fihom.

*L-Arċipriet*

# Akkademja Muziko-Letterarja f'gieh Mro Giuseppe Giardini Vella

Is-Soċjeta' Filarmonika La Stella din is-sena qegħda tfakkar għeluq l-ewwel ċentenarju mit-twelid ta' Mro Giuseppe Giardini Vella, li għal 25 sena kellu f'idejh id-direzzjoni mużikali tal-Banda.

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li saru tul il-Festa ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victoria, il-Banda Ċittadina La Stella organizzat Akkademja Mużiko-Letterarja fi Pjazza San Ġorġ bis-sehem tal-Kor tas-Soċjeta' u għadd ta' kantanti solisti. Il-Banda, li kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur atwali, Prof. Joseph Vella, esegwiet xogħlijiet mużikali li ħarġu mil-pinna ta' Mro Giardini Vella, fosthom siltiet minn Operetti, Sinfoniji u l-Innu Immortali "A San Giorgio Martire".

Referenza għall-ħidma bla qies li wettaq is-Surmast Giardini Vella tul iż-żmien li kellu f'idejh id-direzzjoni tal-Banda ġiet mogħtija f'diskors li sar mis-Sur John Bezzina u f'poezija tal-Kan. Dun Nikol Vella Apap.

Lejn tmiem is-serata, is-Sur Ġorġ Farrugia, rappreżentant tad-Ditta George Farrugia & Sons (Ta' l-Orjenti) ippreżenta lill-Banda strument mużikali (gong). Il-presentazzjoni saret lill-President tas-Soċjeta' Dr. Joseph Ellis.

Għadd ta' mistednin distinti kienu preżenti għal din l-Akkademja Mużiko-Letterarja, fosthom il-Ministru għal Għawdex u s-Sinjura Tabone, is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u s-Sinjura Galea Pace, żewġ rappreżentanti tas-Soċjeta' Filarmonika Leone, u delegazzjoni mill-Kunsill ta' l-Ewropa li nzertat fuq żjara ta' ġurnata f'Għawdex, immexxija mill-Ambaxxatur Malti għall-Kunsill, Dr. Noel Buttigieg Scicluna.



*Id-dehra fi Pjazza San Ġorġ waqt l-Akkademja.*



*Waqt il-Preżentazzjoni tal-gong lill-President Dr. Ellis.*

## Insellmu lil Gorg Xerri



Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Lulju li għadda xterdet l-aħbar kerha li l-mewt kienet ħasdet minn fostna lis-Sur George Xerri. Aħbar li nikktet lil kulħadd iktar u iktar lilna li konna nafuh u ħdimna miegħu fuq il-Palk tat-Teatru Astra.

George Xerri kien iħobb il-Palk. Sa' minn meta kien għadu żagħżugħ narawh involut f'diversi produzzjonijiet fuq il-Palkijiet ta' gżiritna. Kien dak il-bniedem li jaf sewwa l-arti tal-palk, u fil-Plays kollha li tella', speċjalment dawk li kien jaqlibhom hu stess f'ilsienna, kien jagħtihom il-ħajja u l-ilwien li jsaħħru lill-udjenza kollha.

Fi ħdan it-Teatru Astra f'medda ta' 27 sena irnexxielu jidderieġi xogħolijiet kbar, u kien ifittex li jagħti lill-udjenza dak li kienet tixtieq. Drammi serji, bħal ngħidu aħna "Il-Passjoni ta' Kristu", kummiedji bħaz-"Zija ta' Karlu", Operetti fosthom il-"Merry Widow", huma biss uħud mill-ħafna u ħafna produzzjonijiet li rnexxielu joffri lid-dilettanti tal-Palk Għawdxi.

L-Għaqda tal-Palk "ASTRA" filwaqt li twassal il-kondoljanzi lil martu Georgina, lill-uliedu Yvonne, Teddie, Miriam, Nathalie u David, isellem lil Ġorġ Xerri, filwaqt li titlob lill-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

# TURANDOT

## FIT-TEATRU ASTRA

Konformi mat-tradizzjoni, issa magħrufa biżżejjed għall-produzzjonijiet kbar operistiċi, it-Teatru Astra għandu l-pjaċir iħabbar opra oħra għall-ftuħ ta' l-istaġun il-ġdid. TURANDOT, ta' Giacomo Puccini. L-Opra ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Ministeru għal Għawdex bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin ifakkru għeluq il-100 sena mill-introduzzjoni tad-dawl elettriku f'pajjiżna.

Meqjusa bħala l-akbar xogħol operistiku ta' Puccini, TURANDOT mhux biss teħtieġ ħejjijiet mill-aktar intensivi mil-lat mużikali, iżda saħansitra xogħol u ħidma bla waqfien fuq il-palk għal dak li jirringwarda x-xenarju u l-kostumi. Min dan l-aspett pero', minkejja diffikultajiet mhux żgħar, it-Teatru Astra dejjem irnexxielu joħroġ bl-unuri kollha, kif rajna fir-rappreżentazzjonijiet kbar li saru minn xi snin 'l hawn, fosthom l-AIDA, LA FORZA DEL DESTINO, NORMA, LUCIA DI LAMMERMOOR u reċentement NABUCCO.





Cast ta' madwar mitt ruħ mistennija jieħdu sehem f'din l-Opra li ilha ma ssir f'Malta mill-1967. L-għażla ta' l-artisti barranin din id-darba waqgħet fuq kantanti Taljani li lkoll igawdu reputazzjoni tajba fil-qasam operistiku internazzjonali. Dawn jinkludu lis-Sopran Grazia Maria Passigli fil-parti primarja ta' Turandot, is-Sopran Ġappuniża residenti f'Milan Mikiko Okamoto, fil-parti ta' Liu', it-Tenur Aurelio Santelena, fil-parti ta' Calaph, waqt li t-Tre Maschere, Ping, Pong u Pang se jiġu nterpretati minn Giuseppe Sarti, Shigeo Okamoto u Franco Tosti.

Anke din id-darba l-Management tat-Teatru Astra qed ikompli jinkoraġġixxi t-talent lokali fil-produzzjonijiet tiegħu billi se jinkludi lill-Baritonu Joe Huber fil-parti ta' Mandarino u lil Anthony Montebello bħala Timur.

Il-Kor tat-Teatru ta' l-Opra Astra se jkun għal darba oħra taħt i-tmexxija ta' Maria Frendo.

Sabiex tkun verament okkażżjoni eċċezzjonali għad-dilettanti lokali ta' l-opra lirika, il-Management tat-Teatru Astra għadu kif wasal fi ftehim sabiex iġib fostna orkestra sħiħa minn barra: l-Accademia Filarmonica di Firenze li ser tinġieb esklussivament Għawdex għal din ir-rappreżentazzjoni.

Is-solisti, il-Kor u l-Orkestra se jkunu taħt id-direzzjoni għaqlija tas-Surmast Direttur tat-Teatru Astra, il-Prof. Joseph Vella.

**L-Opra se ssir fit-Teatru Astra nhar is-Sibt, 21 ta' Ottubru 1995 u rappreżentazzjoni oħra ser issir il-Ħadd 22 t'Ottubru 1995 fis-6.00pm.**

***Ritratti:*** *Grazia Maria Passigli (Turandot) u Aurelio Santenella (Calaf), tnejn mill-atturi prinċipali fl-opra.*




## *MRO. G. GIARDINI VELLA*

### *MFAKKAR FIL-KAZIN TAL-BANDA LA STELLA*

Fil-Każin tal-Banda La Stella fil-Belt Victoria twaqqaf f'post prominenti bust ta' wieħed mis-Surmastrijiet Diretturi ta' din l-Għaqda Mużikali ewlenija t'Għawdex, Mro. Giuseppe Giardini Vella.

Il-bust ġie inawgurat mill-President tas-Soċjeta', Dr. Joseph Ellis, li f'kelmtejn li għamel faħħar lil Mro. Giardini Vella għas-sens kbir ta' motivazzjoni, l-entużjażmu u d-dinamiżmu li dejjem wera tul il-25 sena li kellu f'idejh id-direzzjoni mużikali tal-Banda. Dr. Ellis qal li kien Mro Giardini Vella li rnexxielu joħroġ il-Banda La Stella għall-ewwel darba, minn fost il-baned Maltin u Għawdxin, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, 'l barra minn xtut artna.

Mro. Giardini Vella jibqa' mfakkar ukoll bħala l-bniedem li introduċa l-operetta fi gżiritna u għall-kompożizzjoni immortali ta' l-Innu Grandjuż "A San Giorgio Martire". Dr. Ellis ħabbar li bħala turija ta' gratitudni lejn dan l-ex-Surmast Direttur, is-Sala tal-Kunċerti tal-Banda kienet se tingħata l-isem "Sala Giardini Vella".

Il-bust, xogħol fil-bronz ta' l-artist Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi, ġie imbierek mill-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Salv Borg.

Għall-okkażżjoni l-Banda La Stella daqqet marċi ferrieħa fil-Foyer tal-Każin.

A&M PRINTING LTD. - QALA - 553217